



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur*

---

**2012/2040(INI)**

14.9.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Lejn suq Ewropew integrat għal pagamenti bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl  
(2012/2040(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Sergio Gaetano Cofferati

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li filwaqt li l-pagamenti elettroniċi qed ikollhom rwol dejjem aktar importanti fl-Ewropa u fid-dinja, għad hemm ostakli serji għal suq uniku diġitali Ewropew integrat b'mod sħiħ u effettiv, kompetittiv, innovattiv, sikur, trasparenti u favorevoli għall-konsumatur fir-rigward ta' dawn il-forom ta' pagamenti;
2. Jinnota li fil-kriżi attwali huwa essenzjali li tittieħed azzjoni biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi u jiġi stimulat mill-ġdid il-konsum, li filwaqt li s-suq diġitali jipprovdi opportunità kbira biex jintlaħqu dawn l-oġettivi, l-UE għandha għal dan l-iskop tkun f'pożizzjoni li tistabbilixxi suq intern totalment diġitali, u li huwa vitali li jingħelbu l-ostakoli eżistenti min-naħa waħda u tissaħħaħ il-fiduċja tal-konsumatur fuq in-naħa l-oħra; f'dan ir-rigward, jemmen li l-eżistenza ta' suq uniku Ewropew newtrali u sikur għal pagamenti bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl li jiffaċilita l-kompetizzjoni ħielsa u l-innovazzjoni hija essenzjali għall-kisba ta' suq uniku diġitali ġenwin u tista' tikkontribwixxi ħafna biex il-fiduċja tal-konsumaturi tikber.
3. Jinnota li l-iżvilupp ta' sistemi ta' pagament trasparenti, sikuri u effikaċi fis-suq diġitali Ewropew huwa essenzjali biex tiġi żgurata ekonomija diġitali ġenwina u jiġi ffaċilitat kummerċ elettroniku transkonfinali;
4. Jenfasizza r-rwol importanti li l-pagamenti elettroniċi u l-pagamenti mobbli għandhom fil-qafas tal-ġlieda kontra l-ekonomija "griża" u, b'mod partikolari, kontra l-evazzjoni tat-taxxa; jistieden lill-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni, bħall-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni jew l-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjonijiet (ETSI), f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, ikollhom rwol iżjed attiv fl-istandardizzazzjoni tal-pagamenti bil-kards;
5. Jirrikonoxxi f'dan ir-rigward li ż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA) hija pedament għall-ħolqien ta' suq integrat tal-pagamenti Ewropew u għandha sservi bħala bażi għall-iżvilupp ta' dan is-suq u tagħmlu aktar innovattiv u kompetittiv;
6. Jirrimarka li qafas Ewropew sikur, affidabbli u trasparenti għal pagamenti elettroniċi huwa essenzjali għat-tnedija ta' suq uniku diġitali; jenfasizza l-importanza ta' kampanji ta' informazzjoni biex il-konsumaturi jkunu konxji tal-għażliet disponibbli fis-suq u l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti għal pagamenti elettroniċi sikuri, u jqis li kampanji bħal dawn għandhom jiġu stabbiliti fil-livell Ewropew, ukoll biex jingħelbu l-biżgħat bla bażi dwar dawn il-forom ta' pagamenti; jemmen li f'dan ir-rigward, il-punti ta' kuntatt favur il-konsumatur se jsaħħu l-fiduċja fil-pagamenti remoti;
7. Jemmen li t-trasparenza ta' sistemi elettroniċi għal pagamenti, informazzjoni korretta għall-konsumaturi fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' pagament u aċċess dirett u faċli għall-informazzjoni huma prerekwiżiti għal suq Ewropew għal pagamenti elettroniċi li jiffunzjona tajjeb;

8. Jilqa' d-dispożizzjonijiet fid-Direttiva l-ġdida dwar id-Drittijiet tal-Konsumaturi fir-rigward tal-pagamenti addizzjonali u l-projbizzjoni ta' tariffi eċċessivi għall-użu ta' mezzi ta' pagamenti, li se jikkontribwixxu għall-fiduċja tal-konsumaturi meta jixtru onlajn; madankollu jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-isforzi tagħha fir-rigward tal-ħolqien ta' opportunitajiet indaqs fil-qasam tal-pagamenti bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl, li minnhom jibbenefikaw bl-istess mod il-konsumaturi u n-negozji f'Suq Uniku Diġitali;
9. Jenfasizza li, f'dan ir-rigward, għandhom jittieħdu miżuri biex iwaqqfu d-diskriminazzjoni frekwenti kontra l-konsumaturi Ewropej li l-pagamenti tagħhom għal tranżazzjonijiet transkonfinali ma jiġux aċċettati minħabba l-provenjenza tagħhom;
10. Jemmen li d-drittijiet ta' ħlas lura tal-konsumaturi għandhom jissaħħu, kemm fil-każ ta' pagamenti mhux awtorizzati kif ukoll fil-każ ta' oġġetti jew servizzi mhux ikkonsenjati (jew mhux ikkonsenjati kif imwiegħed) u li sistemi ta' rimedju kollettiv u sistemi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim effikaċi huma strumenti indispensabbli għall-ħarsien tal-konsumaturi, anke fil-qasam tal-pagamenti elettroniċi;
11. Jenfasizza li sabiex il-potenzjalitajiet tal-pagamenti elettroniċi jkunu jistgħu jiġu żviluppati bis-sħiħ, il-fiduċja tal-konsumatur hija essenzjali u livell għoli ta' sigurtà għandu jiġi żgurat bħala salvagwardja kontra r-riskju ta' frodi u sabiex tiġi protetta dejta sensittiva personali u dwar il-konsumaturi;
12. Jenfasizza l-importanza ta' regoli ċari dwar il-politiki tal-konsumatur fl-livell Ewropew; jemmen li tinħtieġ standardizzazzjoni ulterjuri fil-livell Ewropew, fil-għamla ta' qafas regolatorju li jistabilixxi standards ta' sigurtà u trasparenza tal-ispejjeż għal kull forma ta' pagament elektroniku, (li jestendi wkoll għal fornituri ta' servizzi mhux bankarji) u li jirregola lill-atturi kollha involuti fil-forniment ta' servizzi ta' pagament kif ukoll l-intermedjarji kollha inklużi negozjanti (pereżempju l-ħażna ta' kredenzjali); jemmen li meta jkunu qed jiġu definiti l-istandards hemm bżonn li jittieħed kont ta' dawk is-sistemi li għabu bidliet sinifikanti lejn pagamenti aktar sikuri (pereżempju s-sistema CHIP&PIN għall-kards; sistemi ta' awtentikazzjoni fuq żewġ fatturi; firem elettroniċi u pagamenti onlajn li jgħaddu minn servizzi elettroniċi ta' ħlas), ta' dawk is-sistemi li huma aktar vulnerabbli għall-frodi (pereżempju fejn data personali sensittiva huma trażmessi lil partijiet terzi, bħal fi ħlasijiet onlajn permezz ta' servizzi overlay, jew is-sistema ta' strixxa manjetika għall-kards), u ta' innovazzjonijiet li jistgħu jagħmlu l-proċessi aktar sikuri;
13. Jinnota li s-suq Ewropew għall-kards, l-internet u l-pagamenti mobbli huma frammentati kemm bejn u fi ħdan il-fruntieri nazzjonali; huwa tal-fehma li l-istandardizzazzjoni ma għandhiex tkun limitata biss għad-definizzjoni ta' standards ta' sigurtà iżda għandha tinkludi miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat suq ta' pagamenti elettroniċi aktar miftuħ, trasparenti, innovattiv, kompetittiv u mhux frammentat li jagħti vantaġġi lill-konsumaturi kollha (pereżempju fir-rigward tal-interoperabilità jew, fil-portabilità tal-pagamenti mobbli); iqis li, sabiex tintlaħaq din il-mira, għandu jitqies l-istrument ta' co-badging għal pagamenti bil-kards, li għandu jiġi pprovdut mill-bank lid-detentur tal-kard fuq talba tiegħu, (f'dak il-każ l-għażla ta' prijorità bejn il-PSPs disponibbli fuq il-kard għandha tkun f'idejn il-konsumatur) u l-ostakli li għad fadal għall-akkwist transkonfinali għandhom jittneħħew;
14. Jitlob lill-Kummissjoni tevalwa l-metodi possibbli biex tippromwovi operaturi ġodda fis-

suq tal-kards, ukoll billi jitqiesu, per eżempju, l-infrastruttura ta' ħlas komuni għat-transazzjonijiet kollha irrispettivament mill-fornitur tal-kard;

15. Jinnota li għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li kwalunkwe miżura bħal din tkun dejjem konformi mal-prinċipji ta' kompetizzjoni ħielsa u dħul u aċċess ħieles għas-suq, b'kunsiderazzjoni tal-innovazzjonijiet teknoloġiċi futuri f'dan is-settur sabiex inkunu nistgħu nadattaw għal żviluppi futuri u nipromwovu u niffaċilitaw b'mod konsistenti l-innovazzjoni u l-kompetittività;
16. Jemmen li t-tariffi kollha tal-interkambju multilaterali transkonfinali u domestiċi (MIFs) għandhom ikunu pubbliċi u jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li dawn jiġu ppubblikati;
17. Jinnota li l-miżati ta' skambju multilaterali fiż-Żona Unika ta' Pagamenti Euro (SEPA) jvarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri u huma ta' spiss oġġla milli meħtieġ; Jemmen li dawn il-miżati għandhom ikunu progressivament armonizzati fis-SEPA sa skadenza fissa, b'tali mod li jirrispettaw ir-regoli tal-kompetizzjoni Ewropej u jitħeġġeġ ftuħ tas-suq u t-trasparenza sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi ma jħallsux prezzijiet esaġerati; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt, sal-aħħar tal-2012, dwar l-iffissar ta' limitu għal MIFs u b'mod gradwali tnaqqsu; jemmen fl-istess ħin li jeħtieġ jinħolqu mekkaniżmi u salvagwardji biex jiżguraw li l-ispejjeż ma jergħux jgħaddu, b'mod jew ieħor, għand il-konsumaturi; jitlob, b'mod parallel li t-trattament iġust tal-konsumaturi fil-forma ta' soprataxxi, ir-rifużjonijiet, spejjeż moħbija u l-użu ta' prattiki ta' gwida li jillimitaw jew jirrestrinġu l-għażla tal-konsumaturi biex jiġu pprojbiti b'mod gradwali wkoll, u b'hekk titwitta t-triq għal suq uniku Ewropew tal-pagamenti aktar trasparenti, aċċessibbli u affidabbli f'għajnejn il-konsumaturi; jemmen li regoli "għal Ebda Diskriminazzjoni" u "l-Oneru tal-Kards Kollha" għandhom jinżammu u mhux jiġu mibdula;
18. Iqis li l-infurzar tar-regoli fil-pagamenti elettroniċi huwa ħafna drabi diffiċli, mhux adegwat u differenti fl-Ewropa, u li sforzi aktar b'saħħithom għandhom isiru biex jiżguraw infurzar xieraq u uniformi tar-regoli;
19. Jenfasizza l-ħtieġa ta' trasparenza akbar u informazzjoni aħjar għall-konsumaturi dwar is-soprataxxi u t-tariffi addizzjonali għad-diversi metodi ta' ħlas, minħabba l-fatt li l-kummerċjanti ġeneralment jinkludu l-ispejjeż ta' tranżazzjoni fil-prezz tal-prodotti u s-servizzi tagħhom, bil-konsegwenza li l-konsumaturi ma jkunux informati sew minn qabel dwar l-ispiża totali u b'hekk iħalsu aktar għax-xirjiet tagħhom, u din hija ċirkostanza li ddgħajjed il-fiduċja tal-konsumaturi;
20. Jafferma li approċċ awtoregulatorju mhuwiex biżżejjed; iqis li l-Kummissjoni u l-BĊE, f'kooperazzjoni mal-Istat Membri, għandhom jieħdu rwol aktar attiv u ta' tmexxija, u li l-partijiet interessati kollha, inklużi l-assoċjazzjonijiet tal-konsumatur, għandhom jiġu involuti b'mod xieraq u kkonsultati fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
21. Iqis li x'aktarx se jkun hemm żieda fin-numru ta' kumpaniji Ewropej li l-attivitajiet tagħhom huma effettivament dipendenti fuq il-kapaċità li jaċċettaw pagamenti bil-kard; iqis li huwa fl-interess pubbliku li jiġu ddefiniti regoli oġġettivi li jiddeskrivu ċ-ċirkustanzi u l-proċeduri li bihom l-iskemi ta' pagament bil-kards jistgħu jirrifjutaw

b'mod unilaterali l-aċċettazzjoni;

22. Jenfasizza li l-operaturi mhux bankarji ma għandhomx ikollhom aċċess għal informazzjoni dwar il-bilanċ tal-fondi tal-kont tal-bank ta' konsumatur, għajr konferma sempliċi fil-mument meta ssir it-tranżazzjoni li hemm biżżejjed fondi biex titlesta tranżazzjoni.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	6.9.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 27 -: 2 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pablo Arias Echeverría, Adam Bielan, Sergio Gaetano Cofferati, Birgit Collin-Langen, Lara Comi, António Fernando Correia de Campos, Cornelis de Jong, Christian Engström, Vicente Miguel Garcés Ramón, Evelyne Gebhardt, Louis Grech, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Sandra Kalniete, Toine Manders, Hans-Peter Mayer, Sirpa Pietikäinen, Phil Prendergast, Robert Rochefort, Zuzana Roithová, Heide Rühle
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Regina Bastos, Jürgen Creutzmann, María Irigoyen Pérez, Emma McClarkin, Pier Antonio Panzeri, Marc Tarabella, Kyriacos Triantaphyllides, Sabine Verheyen